# Ġabra tal-ġurisprudenza

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Awla tal-Appell) tad-19 ta' Lulju 2017 – DD vs FRA**

**(Kawża T-742/15 P)**

"Appell – Servizz pubbliku – Membri tal-persunal temporanju – Kuntratt għal żmien indeterminat – Sanzjoni dixxiplinari – Ċanfira – Xoljiment ta' kuntratt – Dritt għal smigħ – Dannu morali"

1. *Appell – Aggravji – Talbiet intiżi sabiex tinkiseb il-modifika tal-motivazzjoni ta' sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku – Kritika ta' motivi mingħajr influwenza fuq id-dispożittiv tas-sentenza appellata – Inammissibbiltà*

   *(Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, Anness I, Artikolu 9)*

   *(ara l-punt 36)*

2. *Appell – Aggravji – Assenza ta' kritika preċiża ta' punt tar-raġunament tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku u ta' argumenti ġuridiċi insostenn tal-appell – Inammissibbiltà*

   *(Artikolu 256 TFUE; Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 194)*

   *(ara l-punt 41)*

3. *Uffiċjali – Responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-istituzzjonijiet – Kundizzjonijiet – Illegalità – Dannu – Rabta kawżali*

   *(ara l-punti 48, 77)*

4. *Rikorsi tal-uffiċjali – Rikors għad-danni – Annullament tal-att illegali kkontestat – Kumpens adegwat għad-dannu morali*

   *(Regolamenti tal-Persunal, Artikolu 91)*

   *(ara l-punti 72, 83)*

5. *Appell – Aggravji – Stħarriġ mill-Qorti Ġenerali tal-evalwazzjoni tal-provi magħmula mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku – Esklużjoni ħlief fil-każ ta' żnaturament – Motiv ibbażat fuq l-iżnaturament tal-provi – Neċessità li jiġu indikati b'mod preċiż il-provi żnaturati u li jiġu pprovati l-iżbalji ta' evalwazzjoni li wasslu għal dan l-iżnaturament*

*(Artikolu 256 TFUE; Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 195(2))*

*(ara l-punti 84, 85)*

**Suġġett**

Appell ippreżentat kontra s-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (It-Tieni Awla), tat-8 ta' Ottubru 2015, DD vs FRA (F-106/13 u F-25/14, EU:F:2015:118), intiż għall-annullament parzjali ta' din is-sentenza.

**Dispożittiv**

1) L-appell huwa miċħud.

2) DD għandu jbati l-ispejjeż tiegħu.

3) L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) għandha tbati l-ispejjeż tagħha.